



# Il-Prof. Philip Farrugia

## B.Sc., M.D., A.R.I.C., F.R.I.C. (1900 – 1977)

**© Riċerka tal-Arkivista l-Kav. John Gafà**



Il-Professur Philip Farrugia twieled fl-24 ta' Awwissu 1900, f'Ħaż-Żebbuġ minn Raphael u Marietta mwielda Zammit. Huwa tgħammed fis-27 ta' Awwissu fil-Parroċċa ta' San Filep ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Il-parrini tiegħu kienu Georgius u Josefa Farrugia. Philip kien wieħed minn disa' aħwa. Fost ħutu kellu lil Emmanuel, Mons. Carmelo Farrugia, Giovanna soru fil-missjoni, Mananni li baqgħet xebba, Johnny li kien negozjant, Ġużeppi, Anthony u Dun Piju.

Huwa żżewweġ lil Helen (Nella) imwielda Carachi fit-2 ta' Ġunju 1931, u kellhom żewġt itfal – Joan u Amy Rose. Wara l-gwerra hu mar joqgħod fi Triq San Duminku l-Belt Valletta, fejn il-knisja tal-imsemmi qaddis. Minkejja li kellu l-professjoni ta' tabib, Philip kien ipejjep is-sigarri. Huwa serva bħala President tal-Kumitat li waqqaf il-monument f'ġieħ Dun Mikiel Xerri u Sħabu, li jinsab fil-Belt Valletta.

Il-Professur Farrugia ħa l-ewwel edukazzjoni fis-Seminarju u wara fil-Kulleġġ ta' *Flores* fil-Belt Valletta. Imbagħad kompla javvanza fl-istudji fl-Università ta' Malta fejn fl-1921 iggradwa fil-Baċellerat għax-Xjenza (B.Sc.) u l-Kura tas-Saħħa Primarja (Ph.C.), u fl-1925 laħaq tabib mediku (M.D.). Wara ngħata *scholarship* fil-*Great Ormond Street Hospital* u



***Lord Gort stieden lill-kumitat tal-Każin Banda San Filep u mistednin għolja oħra fil-Palazz ta' Sant'Anton għal riċeviment.***

*Guy's Hospital* f'Londra. Philip serva bħala tabib f'Ħaż-Żebbuġ għal diversi snin. F'Malta kien nominat bħala Assistent Uffiċjal Mediku fl-isptar ċentrali mill-1926 sal-1928 u f'Għawdex kien Uffiċjal Mediku mill-1932 sal-1934. Fl-1934 inħatar bħala *Junior Analyst* u kompla l-istudji tiegħu fl-Ingilterra. Fl-1938 kompla bl-istudji u fl-1939 laħaq Professur tal-Kimika.



**Fl-1952 saret il-gradwazzjoni tat-tobba B.Pharm., B.Sc. Jidhru mix-xellug għal-lemin: Michael Cassar, Edwin Grech, Prof. Philip Farrugia, Abraham Galea, Gilbert Manchè u Philip Muscat.**

## Bniedem ta' għerf

Farrugia kompla javvanza fl-istudji billi ġab *Associate of the College of Chemistry* (A.R.I.C.) u *Fellowship of the Royal Institute of Chemistry* (F.R.I.C.). Il-Professur Farrugia kien l-ewwel Malti fl-assoċjazzjoni tal-*Royal Institute of Chemistry* (1949) u kien ukoll l-ewwel Malti li studja fil-grad ta' *Fellowship* fl-istess Istitut (1957) minn fejn ġab kwalifiki għoljin ħafna minn madwar id-dinja kollha.

Fl-1948 ifforma l-*RUM Chemical Society* u kien president u editur tal-ġurnal *The Chemist*. Il-Professur jibqa' mfakkar li qasam ma' oħrajn l-għerf fuq diversi materji mediċi u kimiċi permezz tat-tagħlim tiegħu ġewwa l-Università ta' Malta u bi programmi ta' tagħlim għall-poplu minn fuq il-mezz tax-xandir ta' dak iż-żmien, ir-*Rediffusion*.



**Ippreżenta xabla tal-fidda tal-unur lill-Gvernatur ta' Malta Lord John Standish Gort.**

Huwa kien l-awtur ta' tliet pubblikazzjonijiet – *The Birth of Medical Chemistry* (1949), *Is-Saħħa Lilek* (1955) u *It-Torace u l-Addome* (1956). Kiteb ukoll ħafna poeżiji bħal: Quddiem San Filippu, San Filippu ħaj fil-fidda, L-Għid festa ta' Paċi, Quddiem l-istatwa tal-fidda ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ u oħrajn, li dawn kienu jidru fil- ġurnal *Leħen Ħaż-Żebbuġ* maħruġ mill-Kunsill Ċiviku fis-snin 1970 u 1980.

Philip Farrugia serva ta' President tal-Każin Banda San Filep bejn is-sena 1929 u 1931, kif ukoll mill-1944 sal-1950. Dawn huma l-avvenimenti li seħħew matul il-Presidenza tiegħu:

| | |
|---|---|
| 12.03.1944 | Il-Każin Banda San Filep f'isem il-ħamsa u sittin każin ta' Malta u Għawdex ippreżenta xabla tal-fidda tal-unur lill-Gvernatur ta' Malta Lord John Standish Gort. Sar programm mużikali apposta, fejn il-Banda San Filep daqqet il-marċ trijonfali mill-opra 'Aida' ta' Giuseppe Verdi u l-marċ 'Sword of Honour' tas-Surmast Adeodato Gatt. Il-preżentazzjoni saret mill-Prof. Philip Farrugia, Dun Luriet Callus u s-Segretarju tal-Każin Banda San Filep Pawlu Zammit. Għaċ-ċerimonja tal-xabla tal-unur kien hemm preżenti l-ogħla awtoritajiet ċivili u ekkleżjastiċi, fosthom kien hemm l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi, Mons. Emmanuele Galea – Isqof ta' Tralles fit-Turkija, l-Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ Dun Pawlin Galea u Mons. Karm Psaila. Kien hemm ukoll preżenti Dun Alexander Zammit McKeon, Mabel Strickland, Beatrice Borg, il-Prof. Godfrey Zarb Adami – Professur tal-għajnejn, Edgar Ellis, Maġġur John C. Buckley, Prof. Albert Victor Bernard – Direttur tas-Saħħa Pubblika, J.C. Campbell – Uffiċjal Għoli tal-Gvernatur ta' Malta, Dr Anthony Montanaro Gauci – Imħallef u Eks-Speaker tal-Parlament, Inez Galea – Filantropa, Dr Albert V. Laferla – Direttur tal-Iskejjel Elementari, Roger Strickland – Membru tal-Partit Kostituzzjonali, Mons. Enrico Bonnici – Vigarju Ġenerali, Dr Giovanni Calleja – Avukat, Alfred Cachia Zammit, Maryann Kissaun – Rappreżentant mill-Kunsill tal-Istudenti, Francis Campbell Ross Douglas – 1st Baron ta' Barloch KCMG u oħrajn. Il-mistednin distinti kienu miġburin fuq parti mill-palk 'Skorfina'. Teresa, bint Carmelo Coleiro li kien bandist mal-Banda San Filep ippreżentat bukkett ward lil Lady Gort. Inkixfet lapida kommemorattiva mal-faċċata tal-Każin Banda San Filep mill-Arċipriet Pawlino Galea. Ta' min isemmi li mill-Bieb De Rohan sal-pjazza, il-karozza Rolls Royce tal-1937 li kien riekeb fiha Lord Gort, kienet miġbuda b'ħabel miżbugħ bil-kuluri aħmar, abjad u ikħal, mill-membri tal-Każin Banda San Filep u partitarji oħrajn. Kien hemm ċapcip kbir u ferħ mill-folla preżenti, li lkoll kellhom il-bnadar Ingliżi u Maltin f'idejhom. |

Lista ta' baned u għaqdiet oħrajn li ħadu sehem fiċ-ċerimonja tal-għoti tax-xabla tal-unur lill-Gvernatur ta' Malta Lord John Standish Gort:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ħ'Attard | St Mary | Eastern Star | | |
| Ħal Balzan | San Gabriele | Maria Annunziata | Balzan Youths | |
| Il-Birgu | Duke of Edinburgh | | | |
| Birkirkara | Duke of Connaught | St Helen | | |
| Bormla | St George's | | | |
| Ħad-Dingli | Dingli | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Il-Furjana | Vilhena | Lion Sporting | The London W.T. | |
| Ħal Għargħur | St Bartholomew | Malta Home Guard | | |
| Ħal Għaxaq | St Joseph | St Mary | | |
| Il-Ħamrun | San Giuseppe | St Gaetan | | |
| Il-Kalkara | San Giuseppe | | | |
| Ħal Kirkop | St Leonard | | | |
| Ħal Lija | Circolo Papa Pio X | St Andrew | Liense | |
| L-Isla | Queen's Own | | | |
| Ħal Luqa | St Andrew | Union | | |
| Il-Mellieha | La Vittoria | Imperial | Malta Home Guard | |
| L-Imqabba | King George V | Lily | | |
| Il-Mosta | Nicolò Isouard | | | |
| L-Imsida | Melita | | | |
| In-Naxxar | Peace | | | |
| Paola | G.M. Fra Ant. De Paule | Constitutional | | |
| Ħal Qormi | Pinto | St George | | |
| Il-Qrendi | St Mary | Lourdes | | |
| Ir-Rabat | L'Isle Adam | Count Roger | Każin Soċjali | |
| San Ġiljan | St Julian's | | | |
| Is-Siġġiewi | St Nicholas | | | |
| Tas-Sliema | Stella Maris | Sliema | | |
| Ħal Tarxien | Annunziata | | | |
| Il-Belt Valletta | King's Own | La Valette | Anglo Maltese League | St George's (Overseas League) |
| Ħaż-Żabbar | San Mikiel | Maria Mater Gratiae | | |
| Ħaż-Żebbuġ | St Philip | Malta Home Guard | | |
| Iż-Żejtun | Beland | Żejtun | Juventutis Domus (S. Familja) | |
| Iż-Żurrieq | St Catherine | Queen Victoria | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Victoria | La Stella | Leone | | |
| Ix-Xagħra | Victory | | | |



## Avvenimenti tal-Għaqda fi żmien il-Presidenza tal-Profs Philip Farrugia

| | |
|---|---|
| 22.03.1944 | Il-Gvernatur ta' Malta Lord John Standish Gort stieden lill-kumitat tal-Każin Banda San Filep u mistednin distinti oħra fil-Palazz ta' Sant'Anton għal riċeviment bħala turija ta' ringrazzjament. |
| 08.05.1945 | Spiċċat il-Gwerra mal-Ġermanja. Fit-tlieta u kwart ta' waranofsinhar daqqew il-qniepen tal-Knisja Arċipretali b'mota ferriħija. Filgħaxija l-Banda San Filep għamlet marċ tal-Victory biex tfakkar it-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija u tat bidu għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa ta' San Filep, l-ewwel waħda li ġiet iċċelebrata wara l-gwerra. Inħaraq ukoll in-nar tal-ajru. |
| 08.09.1945 | Il-Festa tad-Duluri saret bil-kbir ukoll. Sar ħafna logħob tan-nar. Il-Banda San Filep ħadet sehem u magħha ħadet sehem ukoll il-Banda King's Own tal-Belt Valletta. |
| 21.10.1945 | Il-kumitat tal-Każin Banda San Filep organizza festin fl-istess każin sabiex il-mistednin jagħtu ġieħ lill-President Onorarju, il-Prof. Mons. Carmelo Psaila D.Litt., fl-okkażjoni li l-Università Rjali ta' Malta nkurunat il-merti letterarji ta' Dun Karm bil-għoti tal-Grad ta' D.Litt. 'Honoris Causa'. Il-President Prof. Philip Farrugia niseġ diskors sabiħ u għaqli marbut mal-Onorifiċenza ta' Dun Karm. |
| 25.10.1945 | Il-Prof. Mons. Carmelo Psaila D.Litt., kiteb ittra ta' ringrazzjament lill-President u l-Kumitat tal-Każin Banda San Filep, għall-festa li għamlulu. Hu wera l-għaxqa tiegħu għall-ħsieb patrijottiku tal-kumitat. |
| 19.11.1945 | Il-Każin ħallas £395 jew €920 lill-Iskultur Francesco Saverio Sciortino għall-abbozzi tal-panewijiet tal-bradella ta' San Filep fil-knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ. |
| 08.06.1946 | Il-Banda San Filep tellgħet programm mużikali f'Misraħ San Filep – Jum ir-Rebħa tal-Alleati fil-Gwerra – f'għeluq l-ewwel anniversarju tat-tmiem tal-gwerra. |
| 22.09.1946 | Il-Ħadd fuq il-festa tad-Duluri, il-Każin Banda San Filep organizza xalata kbira għall-Armier tant li mtlew madwar sebgħin xarabank bin-nies. Il-Banda San Filep akkumpanjat din ix-xalata b'daqq ta' marċi u valzi fost briju sħiħ. Din il-massa kbira ta' Żebbuġin laħqet il-qofol tal-briju hekk kif waslu lura Ħaż-Żebbuġ mad-daqq tal-Banda. |

| | |
|---|---|
| 15.05.1947 | Inawgurat il-palk preżenti fil-pjazza, disinn tal-Perit Degiorgio. Il-Banda San Filep taħt id-direzzjoni tas-Surmast Adeodato Gatt esegwiet programm vokali u strumentali mill-aqwa, akkumpanjat minn kor ta' 120 tifel u tifla tal-iskola tal-gvern. Fosthom indaqqet l-'Overture Solennelle 1812'. Dan il-programm ixxandar dirett fuq ir-Rediffusion u l-Banda San Filep kienet l-ewwel waħda li daqqet fuq il-mezzi tax-xandir. In-nies li ħadmu l-palk kienu Salvu Zammit, Ninu Micallef, Philip Spiteri, Joe Muscat, Gaetano Mallia, Philip Briffa, Patist Bonnici, Salvu Cassar u Philip Muscat. |
| 28.09.1947 | Il-Każin Banda San Filep għal darba oħra organizza xalata kbira bil-karozzi. Nies li għadhom jiftakru jgħidu li din kienet ikbar minn tas-sena ta' qabel u iżjed brijuża. Xħin reġgħu lura kien hemm il-ġlied ma' tal-każin ta' San Ġużepp. |
| 14.11.1947 | Għeluq l-ewwel mitt sena mill-mewt ta' Mons. Franġisk Saver Caruana – mexxej tal-Maltin fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi. Inkixfu żewġ lapidi kommemorattivi mill-Prim Ministru ta' Malta Dr. Pawlu Boffa – waħda mad-dar tiegħu fi Triq De Rohan u oħra mal-faċċata tal-Każin Banda San Filep. Dawn tbierku mill-Isqof Emanuele Galea. Kien hemm preżenti l-Ispeaker Joseph Cassar, Robert Bencini u mistiedna distinti oħra. |
| 09.10.1948 | Il-Każin Banda San Filep ippubblika r-regolamenti tal-bandisti tal-istess banda. |





***Mart il-Profs. Philip Farrugia***

***Ir-residenza 292 fi Strada Reale***

| | |
|---|---|
| 1949 | Titwaqqaf il-kumpanija teatrali bl-isem 'Żebbuġ Dramatic Company' li kienet titħarreġ fil-każin. Ittella' dramm bl-isem 'Tosca'. |
| 1949 | Saru festi kbar f'ġieħ San Filep, ġewwa u barra l-knisja minn Ħadd qabel sal-ottava f'għeluq il-mitejn u ħamsa u għoxrin sena mill-miġja tar-relikwa. |

| | |
|---|---|
| 09.02.1950 | Il-Gvernatur ta' Malta Sir Gerald Hallen Creasy flimkien mas-Sinjura tiegħu Lady Hallen żaru l-Każin Banda San Filep, u wara kien hemm riċeviment. |

Il-Professur Philip Farrugia ħalla dan il-wied tad-dmugħ nhar id-29 ta' Diċembru 1977, fl-għomor ta' 77 sena. Huwa jinsab mistrieħ fil-qabar tal-familja – Kompartament Ċ, № 50, fiċ-Ċimiterju tal-Qalb ta' Ġesù f'Ħaż-Żebbuġ. Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ u l-Gvern taw ġieħ lill-Professur bravu billi semmew triq għalih f'Ħaż-Żebbuġ, li tinsab fiż-żona magħrufa bħala Tal-Grazzja. Tajjeb ta' min wieħed isemmi li dawn l-erba' Presidenti tal-Għaqda Każin Banda San Filep – it-Tabib Pietro Paolo Galea, Dun Sander Zammit McKeon, Dun Luret Callus u l-Prof. Philip Farrugia meta kienu ħajjin kienu joqogħdu maġenb xulxin fi Strada Reale u issa qegħdin jistrieħu maġenb xulxin fiċ-Ċimiterju tal-Qalb ta' Ġesù. Il-Professur Philip Farrugia jibqa' mfakkar għall-kliem sabiħ tal-Innu tal-Banda **(Bil-ħila tas-sewwa)** tant popolari li jindaqq kull fejn il-tagħmel servizz.



*Tabella ta' triq li ssemmiet għall-Prof. Philip Farrugia*

**Referenzi:**
Tagħrif mingħand is-Sinjura Joan Stilon
Kotba tal-Festa tal-Għaqda Każin Banda San Filep
Avvenimenti tal-Għaqda Każin Banda San Filep (1846 – 2016)
Robert Mifsud Bonnici Dizzjunaeju (1960) Bijo-Bibljografiku Nazzjonali, Paġna 206
Schiavone Michael (2009) Dictionary of Maltese Biographies (Vol. 2 – Pġ. 784)
Kunsill Ċiviku, Leħen Ħaż-Żebbuġ (1970 – 1980)

"Kburin bi ġrajjietna...
l-Għaqda Każin Banda San Filep
u l-imsieħba tagħha
dejjem kienu protagonisti"